VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,671, 1 ta' Novembru, 2016
Taqsima B

A.L. 360 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2016 tal-Kors għall-Grad ta'
Erasmus Mundus Master in Adult Education for Social Change – M. AESC -
taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) (v) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2016 tal-Kors għall-Grad ta' Erasmus Mundus Master in Adult Education for Social Change – M. AESC.

(2) F'dawn ir-regolamenti, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji responsabbli għall-amministrazzjoni akkademika u għall-organizzazzjoni tal-Kors, li għandu jinkludi membru minn kull Istituzzjoni Msieħba;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master in Adult Education for Social Change – M. AESC;

"l-Istituzzjonijiet Imsieħba" tfisser l-istituzzjonijiet li qed jieħdu sehem fil-programm għall-Erasmus Mundus Master li hu approvat mill-Kummissjoni Ewropea taħt il-*Convention Number* 564466-EPP-1-2015-UK-EPPKA1-JMD-MOB, jiġifieri:

University of Glasgow
Open University of Cyprus
l-Università ta' Malta, Malta
Talinn University u
Universiti Sains Malaysis (din l-Istituzzjoni Imsieħba ma tatix grad);

VERŻJONI ELETTRONIKA

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju żviluppat mill-Istituzzjonijiet Imsieħba li jwassal għall-grad ta' Erasmus Mundus Master in Adult Education for Social Change – M. AESC;

"is-Senat" tfisser is-Senat tal-Università ta' Malta; u

"l-Università" tfisser l-Università ta' Malta.

(3) Dan il-Grad huwa grad tal-Università mogħti flimkien ma' universitajiet oħra u dan għandu jfisser li l-Kors huwa mgħallem fl-Istituzzjonijiet Imsieħba fi ħdan qafas ta' programm għal grad mogħti flimkien. Il-Grad jingħata biss jekk l-Istituzzjonijiet Imsieħba jiddikjaraw li l-istudent huwa eliġibbli biex jingħata r-rikonoxximent.

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-Korsijiet li jibdew f'Settembru 2016 jew wara.

Il-Kwalifiki għad-Dħul

3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom grad ta' Bachelor miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri (ta' Fuq) jew grad komparabbli f'qasam ta' studju meqjus bħala xieraq mill-Bord tal-Istudji.

(2) L-applikanti huma meħtieġa juru li l-livell tal-Ingliż tagħhom huwa sodisfaċenti. L-offerta ta' post fil-Kors tista' ssir bil-kundizzjoni li l-applikanti jiksbu dawk il-kwalifiki ta' proficċjenza qabel il-bidu tal-istudji tagħhom.

(3) Il-Proficċjenza fl-Ingliż għandha tkun iċċertifikata b'dawn li ġejjin: l-IELTS miksub mill-anqas b'punteġġ ta' 6.5 u punteġġ minimu ta' 6.0 f'kull element, jew komparabbli. Kelliema nattivi Ingliżi u studenti li attendew kors ta' Bachelor f'pajjiż fejn l-Ingliż huwa mitkellem ma jkunux meħtieġa jissottomettu din iċ-ċertifikazzjoni.

(4) Is-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Istudji għandu jiddeċiedi l-għadd ta' applikanti li jistgħu jitħallew jirreġistraw għall-Kors, skont ir-riżorsi disponibbli. L-għadd ta' postijiet disponibbli għandu jitħabbar fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(5) Jekk l-għadd tal-applikanti eliġibbli jkun aktar mill-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti għandhom jiġu evalwati fuq il-bażi ta' kriterji kif miftehma bejn l-Istutuzzjonijiet Imsieħba u kif ippubblikati fiż-żmien tas-sejħa tal-applikazzjonijiet.

VERŻJONI ELETTRONIKA

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq sentejn ta' studju fuq bażi *full-time*.

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 120 krettu ECTS, li jinkludu taqsimiet studju mgħallma u *placements* li għalihom hemm assenjati 90 krettu ECTS u dissertazzjoni li għaliha hemm assenjati 30 krettu ECTS. Il-Bord għandu jippubblika l-programm qabel il-bidu tal-Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat.

(2) L-istudenti kollha huma meħtieġa li jqattgħu perijodu ta' studju obbligatorju f'kull waħda mill-Istituzzjonijiet Imsieħba, kif indikat fil-programm ta' studju.

Il-Katalgu ta' Taqsimiet Studju

6. Il-Bord tal-Istudji għandu jħejji katalgu tat-taqsimiet studju kollha. Il-katalgu għandu jindika l-livell, il-kodiċi, it-titlu, id-deskrizzjoni u t-tip ta' kull taqsima studju, il-kretti ECTS assenjati għal kull taqsima studju, u l-metodi ta' tagħlim u valutazzjoni, kif ukoll l-opportunitajiet ta' evalwazzjoni mill-ġdid għal kull taqsima studju.

Il-Progress u l-Valutazzjoni

7. (1) Ir-riżultati tal-valutazzjoni tat-taqsimiet studju u tad-dissertazzjoni għandhom ikunu ppubblikati bħala grad bl-ittri li ġejjin: A, B, C, D u E.

(2) L-istudenti li jeħlu f'xi taqsima studju mgħallma jitħallew jagħmlu valutazzjoni supplimentari darba biss.

Id-Dissertazzjoni

8. (1) L-istudenti li jiksbu medja ta' grad D jew ogħla fit-taqsimiet studju mgħallma b'mill-anqas 75% tat-taqsimiet ikunu għaddew minnhom bi grad E jew aħjar għandhom jitħallew jipproċedu għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

(2) L-istudenti jkunu meħtieġa jissottomettu dissertazzjoni individwali ta' 15,000-20,000 kelma skont il-linji gwida maħruġa mill-Bord tal-Istudji.

(3) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir waqt l-aħħar semestru tal-Kors. L-istudenti għandhom jissottomettu għall-approvazzjoni t-titlu u l-proposta dettaljata tar-riċerka sad-data tal-iskadenza u fil-format speċifikat mill-Bord tal-Istudji.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) L-istudenti għandhom ifittxu l-approvazzjoni tal-Bord tal-Istudji għal kwalunkwe tibdil sostanzjali fit-titlu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni.

(5) Id-dissertazzjonijiet għandhom jinkludu dikjarazzjoni iffirmata mill-istudenti li x-xogħol huwa oriġinali u tagħhom.

(6) Qabel ma jiggradwaw, l-istudenti għandhom jippreżentaw lill-Bord tal-Istudji kopja waħda tad-dissertazzjoni b'legatura ħoxna u verżjoni elettronika lil kull waħda mill-Istituzzjonijiet Imsieħba, li għandhom jinkludu dikjarazzjoni ffirmata ta' awtentiċità. Il-verżjoni elettronika trid tkun skont il-livelli stabbiliti minn kull Istituzzjoni Msieħba.

9. (1) Il-Bord tal-Istudji għandu jaħtar superviżur/i għal kull student. L-istudenti għandu jkollhom kuntatt regolari mas-superviżur/i tagħhom.

(2) Kull dissertazzjoni għandha tiġi eżaminata minn Bord tal-Eżaminaturi, magħmul mill-anqas minn tliet membri, li wieħed minnhom għandu jkun eżaminatur barrani maħtur minn istituzzjoni differenti mill-Istituzzjonijiet Imsieħba.

10. L-istudenti li d-dissetazzjoni tagħhom ma tkunx sodisfaċenti jistgħu jitħallew mill-Bord tal-Istudji, fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord tal-Eżaminaturi, jissottomettu d-dissertazzjoni mill-ġdid f'format rivedut, fi żmien tliet xhur mid-data meta din ġiet riferuta lura għandhom.

L-Għoti tal-Grad

11. (1) L-istudenti li jiksbu r-riżultati kif indikat fil-*handbook* tal-Kors u l-120 krettu ECTS għall-programm ikunu eliġibbli għall-għoti tal-Grad.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati bħala Għadda b'Distinzjoni jew Għadda b'Mertu.

12. Il-Grad jingħata flimkien mill-Istituzzjonijiet Imsieħba kollha wara ftehim bejn l-Università u l-Istituzzjonijiet Imsieħba li ser jagħtu l-grad.